# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru ħamsin (51) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-11 ta' Marzu, 2010, fis-6:15pm, fil-Bini Miniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi Sindku |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Derren Busuttil | Segretarju Eżekuttiv |
| | Dorianne Zammit | Skrivana |

1. Is-**Sindku ippresjeda l-laqgħa** u qal it-talba.

**Każ ta' l-eks Segretarju Eżekuttiv**

2. Is-Sindku fetaħ il-laqgħa billi ddeskriva x'ġara fl-awla tal-qorti nhar il-11 ta' Marzu, 2010 waqt li huwa kien preżenti bħala xhud għas-smiegħ tal-**kawża tal-Pulizija kontra l-Ex Segretarju Jason Cutajar**. Is-Sur Cutajar stqar mall-Maġistrat li huwa ddispjaċut ferm ta' dak li għamel u lest ikompli jħallas l-ammont dovot kollu lil Kunsill Lokali ta' Ħal Safi kif ġie miftiehem fil-kuntratt. Il-Maġistrat Dr. A. Micallef Trigona kkonferma mas-Sindku li l-pagamenti qed jaslu regolari u qata' s-sentenza billi ta' lis-Sur Cutajar sentejn ħabs sospiżi għal erba' snin u interdett perpetwu.

**Punti mill-minuti**

3. Is-Segretarju Eżekuttiv ipreżenta l-**minuti tas-seduti** preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

4. Rigward in-**niċċa ta' San Ġuzepp**, Jerome Busuttil fakkar lil kunsilliera sabiex jiddeċċiedu fuq l-iskrittura ta' l-indulġenza plenarja li għandha titwaħħal taħt din l-istatwa. Għal dan, is-Sindku qal li ser ikellem lil Nardu sabiex jivverifika jekk l-iskrittura kellhiex miktub ukoll l-Isqof ta' dak iż-żmien kif ukoll id-data ta' meta din twaħħlet.

5. Rigward ir-restawr ta' **niċċa tad-Duluri,** Jeroma Busuttil qal ukoll li tkellem mar-Restawratur is-Sur Frank Chetcuti sabiex dan jibda x-xogħol mill-aktar fiss.

Huwa qallu li qed jistenna lil sid id-dar sabiex kif kienu miftehmin jarmalu l-*iscafolding* għalkemm bħalissa dan huwa impenjat ħafna u jista' jaqdieh biss fil-ġimgħat li gejjin. Eddie Bonello issuġerixxa li waqt ix-xogħolijiet nagħmlu barrier fuq il-bankina sabiex nevitaw il-periklu tal-karozzi.

6. Is-Sindku u Eddie Bonnello qalu li kellhom laqgħa mal-president ta' l-**Għaqda Poeti Maltin,** is-Sur Massa kif ukoll mas-segretarju ta' l-Għaqda s-Sur Magro. Huma iddiskutew l-andament tas-serata ta' nhar is-Sibt 10 ta' April, 2010 waqt is-serata tal-Premju Onorefiċenza. Ġie deċiz sabiex huma jiftħu s-serata billi jaqraw silti ta' poezija għal 10 minuti, tindaqq mużika bil-vjolin mis-**Sur Mario Ciantar** għal 20 minuta u jerġa jiġi segwit minn 10 minuti qari ta' poezija**.** L-ewwel parti tal-programm ser tiġi repetuta fi tmiem is-serata wara li jingħata l-Premju onorefiċenza. Għal daqstant, is-segretarja intalbet tikkuntatja lis-Sur Ciantar sabiex dan jikkonferma l-programm ukoll.

**Is-Sindku issospenda l-laqgħa sabiex jidħol ir-raprezentant tal-Green MT is-sur Is-Sur Attard Attard.**

7. Is-Sur Attard beda billi qal li l-membri tal-GRTU huma obbligati bil-liġi sabiex jiġbru 70% ta' l-iskart li huma jipproduċu. Wara l-Legislatura l-ġdida ta' din is-sena il-gvern qed jobbliga li 60% ta' dan il-ġbir isir mill-lokalitajiet. Għaldaqstant, il-GRTU waqfet il-Kumpanija Green MT sabiex il-membri ta' din il-Union jonoraw l-obbligi tagħhom bħala sieħba ta' din l-kumpanija.

8. Il-Green MT għamlet proposta lil Kunsill Lokali sabiex tiddaħħal t-tieni ġurnata għal ġbir tal-borża l-griża pero f'din il-ġurnata l-borża s-sewda ma tinġabarx. Dan il-ġbir isir mill-istess persuna li qed tiġbor l-iskart preżentament pero' jitħallas mill-Green MT.

9. Is-Sindku rrimarka li jekk ineħħu l-ġbir tal-borża is-sewda f'ġurnata partikolari, hemm il-biża li n-nies jiddisponu minn dan l-iskart fejn mhux suppost. Is-Sur Attard tenna li għalkemm dan huwa possibli, problemi bħal dawn idumu biss għall-ewwel ftit ġimgħat sakemm in-nies tiġi edukata u l-affarijiet jitrangaw.

10. Rigward inċentivi, il-Kumpanija Green MT hija lesta li tagħti lil Kunsill Lokali €30 fil-ġimgħa bħala ħlas ta' management fee. Hemm ukoll l-għażla li l-Kunsill jista' jagħmel bejn tqassim tal-borża l-griza b'xejn f'kull dar għas-sentejn li ġejjin jew €15 kull tunnelata li tinġabar aktar mill-kwota preżenti ta' skart separat. Din tammonta għal-1,180kg kull ġimgħa filwaqt li t-*target* relatat huwa dak ta' 1,750kg fil-ġimgħa.

11. Il-Kumpanija Green MT offriet wkoll li tiffinanzja l-iskema tal-Wasteserv. Din tammonta għall-€50 għal kull bin ta' skart reċiklabbli. Offrew lil Kunsill mobile skips b'xejn ta' 1,100 litres. Dawn huma iżgħar minn dawk prezenti u b'hekk jistgħu jitpoġġew f'aktar postijiet. Jofru wkoll bins zgħar ta' l-i*stainless steel* li

għandhom faċilita' ta' reklamar fuqhom. 30% ta' l-introjtu minn dawn ir-reklami jgħaddi lil Kunsill. Offrew ukoll is-servizz ta' *eco councelors* sabiex jinformaw il-pubbliku bil-proċeduri l-ġodda fi żmien 4 ġimgħat li nidħlu fl-iskema. Dawn il-*councilors* jkunu l-istess nies li ser iduru bieb bieb sabiex iqassmu il-borza il-griza. Offrew wkoll €500 refund għal inizjattivi favur l-ambjent għal kull sena tul il-kuntratt. F'isem il-Kumpanija Green MT, is-Sur Attard irringrazzja lil Kunsill ta' l-istedina u l-ħin tal-Kunsill u telaq mill-kamra tas-seduti.

**Is-Sindku talab li s-sospenzzjoni tal-laqgħa titkompla sabiex jidħol il-Perit Muzumeci rigward l-għażla tat-tender – Misraħ San Ġużepp**

12. Is-Sindku għadda l-lista ta' dokumenti u informazzjoni miġbur mingħand PSV Contractors lil Perit Musumeci hekk kif kienu mitluba mill-Kunsill qabel ma jiġi aġġudikat it-tender. Il-Perit ra d-dokumenti mibgħuta minn PSV Contractors u irrimarka li f'ittra anessa ma dawn id-dokumenti kien hemm miktub li bi żvista l-kumpanija tagħhom ikkwotat €22/$mt^2$ inqas minn fuq it-terazzo tiles minħabba li ma ndunawx li dan kellu jkun ta' 500mm ħxuna. Fl-evalwazzjoni professionali tiegħu, il-Perit Musumeci qal li b'dan l-aggustament, il-*Bill of Quantities* ta' PSV mhux ser jibqa l-orħos wieħed u b'hekk għandna nibagħtu lil kuntratturi l-oħra li tefgħu it-tender sabiex ifornu lista ta' dokumenti u informazzjoni tagħhom ukoll qabel ma jiġi aġġudikat it-tender.

13. Is-SE ser jipprepara ittra biex ninfurmaw lil J&K Contractors Ltd u lil Polidano Brothers Ltd li dawn ġew short listed, dwar l-informazzjoni rikjesta mill-Perit u sabiex dawn iwieġbuna bl-informazzjoni kompluta fi żmien 7 t'ijiem.

**Skemi dwar ġbir ta' skart separat**

14. Is-Sindku qal li l-bieraħ il-Green Pack ġew il-Kunsill fejn spjegaw l-iskema tagħhom għall-ġbir ta' skart separat mil-lokalita ta' Ħal Safi. Eddie Bonello qara l-minuti minn din il-laqgħa u ppropona li nerġgħu niltaqgħu magħhom sabiex jagħmlu l-preżentazzjoni tagħhom quddiem il-Kunsilliera kollha. Għaldaqstant il-Kunsill ser jerġa' jagħmel kuntatt ma din il-kumpanija sabiex tinftiehem ġurnata fil-futur qarib. Is-SE irrimarka li skond MEMO 28/2010, il-Kunsill Lokali għandu jiffinalizza l-ftehim ma waħda minn dawn il-Kumpaniji sal-15 ta' Marzu 2010.

**Jum Hal Safi**

15. Għal nhar il-**Ġimgħa 9 ta' April, 2010** ġew avvicinati diversi kumpaniji rinomati ta' l-inbid sabiex jibagħtu rapreżentant tagħhom bħala *wine taster* f'din l-attivita. L-iskrivana tenniet li dawn kollha irrifjutaw it-talba tagħna. Fuq talba ta' Publius Abdilla, ġie avviċċinat ukoll il-*wine taster* is-Sur Joe Cassar li aċċetta dan l-inkarigu. Huwa qalilna li ser ikellem żewġ persuni oħra sabiex ikunu miegħu

f'din l-attivita' u jtina risposta f'dan ir-rigward. Il-Kunsilliera qablu li lill-*wine tasters* intuhom flixkun inbid tajjeb bħala rikonoxximent.

16. Eddie Bonnello talab lill-iskrivana sabiex taddilu kopja tal-kliem li ser jinkitbu fuq it-tazzi ta' l-inbid, it-tifkira lil kumitat tal-premju onoreficenza kif ukoll fuq il-momento li ser jingħata lil Dr. Chris Said u Dr. Stefan Buontempo bħala ringrazzjament u tifkira tal-preżenza tagħhom.

**Korrispondenza**

17. Irċivejna ittra mingħand TM rigward il-*Proposed Pedestrian Zone* fi triq Dun Ġużepp Caruana. Din it-talba ġiet irrifjutata minħabba li ser talaq l-aċċess għal garaxxijiet kif ukoll ser taffetwa t-traffiku f'din l-area. Il-Kunsill talab lis-SE sabiex jibgħat jwieġeb lit-TM li din it-triq hija black spot fejn fiha jinżlu ħafna tfal ta' l-iskola u it-traffiku idur fuqhom kif ukoll jirrimarka li kemm il-darba ġraw inċidenti. Din it-triq hija junction żgħira li mhux ser tkun ta' inkonvenjent. It-traffiku jista jitla' minn Triq Dun Gużepp Caruana stess mit-triq *parallel* ta' din il-*junction* kif ukoll minn Triq l-iSkola.

18. Eddie Bonello irrimarka li fi Triq Triq Dun Gużepp Caruana il-ġenituri tat-tfal ta' l-iskola jidħlu bil-karozza qabel ma din tkun magħluqa għat traffiku u joħorġu minnha malli jispiċċaw it-tfal mill-iskola u b'hekk ikunu ta' periklu għat tfal. Għaldaqstant il-Kunsilliera talbu lis-SE sabiex niktbu lil Ispettur ta l-għassa taż-Żurrieq, is-Sur Carlos Cordina sabiex inressqu dan l-ilment kif ukoll ngħidu li mhux dejjem qed jkun hemm pulizija preżenti waqt dan il-ħin. Nitolbuh jieħu il-passi meħtieġa qabel isir xi inċident.

19. Irċivejna ittra mingħand TM rigward ir-*road hump* li saret fi Triq il-Puniċi. Huma talbu lil Kunsill jispjega għalfejn saret u kif ma intalabx permess biex dan issir. Il-Kunsilliera talbu lis-SE jikteb lura u jgħidilhom li din saret sabiex tilqa' l-ilma tax-xita li jinżel minn Triq San Pawl.

20. Il-Bank bagħatilna ittra sabiex nġeddu il-garanzija bankarja tal-MEPA fuq ix-xogħol f'Misraħ San Gużepp. L-ittra ser titwieġeb sabiex il-garanzija tiġi estiża għal sena oħra.

21. Sorijiet Dumnikani bagħtulna ittra fejn talbu l-għajnuna finanzjarja tal-Kunsill fuq xogħolijiet ta' restawr fuq il-kolonni tal-faċċata tad-dar tagħhom. Il-Kunsilliera qablu li għalkemm din it-talba hija għal għan tajjeb, bir-riforma l-ġdida il-Kunsill ma jistax jagħti donazzjoni ta' dan it-tip.

22. Il-GRTU kitbulna ittra sabiex jagħmlu laqgħa mal-Kunsill. Il-Kunsilliera talbu is-SE jikteb lura sabiex jibgħatu aġenda bl-affarijiet li jixtiequ jiġu diskussi waqt din il-laqgħa.

23. Il-Kunsill ircieva e-mail mingħand l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli sabiex il-Kunsilli jospitaw laqgħat informattivi mill-MCA dwar il-bidla lejn t-televiżżjoni digitali fil-bini amministrattiv tagħhom. Il-Kunsilliera qablu sabiex nilqgħu dawn il-laqgħat fis-Sala Municipali u għaldaqstant ser nibagħtu e-mail lis-Sur Jean-Pierre Aquilina.

**Ħwejjeg oħra**

24. Jerome Busuttil ippropona li fil-junction ta' Triq San Pawl ma' Triq il-Karwijja issir *traffic island* żgħira jew waħda taż-żebgħa ma' l-art temporanjament sakemm issir id-devoluzzjoni ta' l-art u titwessa t-triq. Publius Abdilla qal ukoll li fi Triq San Pawl quddiem iċ-Ċimiterju hemm bżonn li issir tabella *give way* sabiex il-karozzi telgħin iċedu lit-traffiku nieżel minn Triq San Pawl qabel ma dawn iduru fi Triq San Ġwann. Is-Sindku u il-Kunsilliera qablu li nieħdu il-parir ta' l-MSD sabiex dawn l-arranġamenti jsiru mill-aktar fiss.

25. Ġiet approvata l-***Payment Approval Sheet*** numru 44.

26. Il-**laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi** li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa 24 ta' Marzu, 2010 fis-6:00pm.

27. Il-laqgħa ntemmet fit-9.15pm.

Approvati llum 24/3/2010

Sindku Segretarju Eżekuttiv